MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2013

Appell Civili Numru. 7/2012/1

**George Sammut**

**v.**

**L-Avukat Ġenerali**

**1.** Dan huwa appell tar-rikorrenti George Sammut minn sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fis-27 ta' Settembru 2012 li permezz tagħha ġew miċħuda t-talbiet kollha tar-rikorrenti, bl-ispejjeż kontra tiegħu.

**<u>Rikors promotorju tar-rikorrenti George Sammut</u>**

**2.** Bir-rikors tiegħu tal-25 ta’ Jannar 2012 ir-rikorrenti George Sammut talab lill-ewwel Onorabbli Qorti:
“(1) fl-ewwel l-lok, tiddikjara u tiddeċiedi illi bid-deċiżjoni mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali waqt l-udjenza ta’ nhar it-23 ta’ Jannar, 2011 fen dik il-Qorti iddegretat illi ma tistax tisma lill-isemmi Mario Psaila ġie leż id-dritt fundamentali ta’ l-esponenti għal smiegħ xieraq kif sanċit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u dana billi, fost affarijiet oħra, l-imsemmi Mario Psaila kien instema’ mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali qabel ma tat is-sentenza tagħha u għalhekk mhuwiex xhud ġdid, il-kawza ta’ l-esponenti u ta’ l-imsemmi Mario Psaila instemgħu flimkien quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali u f’kull każ huwa xhud fundamentali għad-difiża ta’ l-esponenti u għad-determinazzjoni tal-fatt tal-każ;

“(2) fit-tieni lok, tiddikjara u tiddeċiedi illi id-dritt fundamentali ta’ l-esponenti għal smiegħ xieraq kif sanċit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ser ikompli jiġi leż kemm-il darba l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali ma tismax ix-xhieda ta’ l-imsemmi Mario Psaila;

“(3) fit tielet lok, tagħti dawk l-ordinijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq jew tiżgura ttwettiq tal-jeddijiet fundamentali tal-esponenti hekk kif garantiti taħt il- Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u dana, fost affarijiet oħra, billi tawtorizza lill-esponenti jipproduċi lill-imsemmi Mario Psaila bħala xhud in difeża fil-proċeduri bħalissa pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija v., George Sammut;

“U dan taħt il-provvedimenti kollha illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

"Bl-ispejjeż kontra l-intimat."

**Il-fatti tal-każ**

**3.** Il-fatti tal-każ li rriżultaw mill-provi u li fuqhom jistrieħ ir-rikorrenti appellant biex isostni t-talbiet tiegħu ġew tajjeb riassunti mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata u għalhekk is-silta relevanti tagħha qed tiġi hawn riprodotta:
"… r-rikorrent huwa xufier ta' karozza tal-linja u jaqla' l-għixien tiegħu minn dak ix-xogħol. Fi Frar tal-2010, il-Pulizija Eżekuttiva ħarrket lir-rikorrent talli fl-1 ta' Jannar, 2010, għall-ħabta tas-14.15 kien qiegħed isuq *char-a`-banc* meta kien taħt linfluwenza tax-xorb jew drogi, li naqas li jagħti kampjun tan-nifs meta kien hekk mitlub fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, li kiser il-paċi pubblika b'għajjat u storbju u li qal kliem oxxen li jikkonsisti f'dagħa. Fit-taħrika, r-rikorrent kien ordnat jidher quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-15 ta' April filgħodu fis-Seduta tat-Traffiku;

"Illi dak inhar tal-ewwel smigħ, ir-rikorrent talab differiment tal-kawża billi ma kienx deher għalih l-avukat difensur tiegħu. Il-Qorti tal-Maġistrati laqgħet it-talba u ħalliet il-kawża għas-17 ta' Ġunju, 2010;

"Illi fis-smigħ tas-17 ta' Ġunju, 2010, il-Prosekuzzjoni ressqet il-provi tagħha u l-avukat difensur tar-rikorrent għamel il-kontro-eżami tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni u talab li l-kawża titħalla għal data oħra għall-provi li kien għad fadallu. Il-Qorti tal-Maġistrati laqgħet it-talba u ħalliet il-kawża għat-28 ta' Ottubru, 2010;

"Illi fit-28 ta' Ottubru, 2010, ir-rikorrent għarraf lill-Qorti tal-Maġistrati li kien qabbad avukat difensur differenti minn dak li kien deher għalih fis-smigħ ta' qabel u, minħabba li l-istess avukat difensur ġdid ma kienx deher, talab li l-kawża titħalla għal data oħra. Minħabba li l-Prosekuzzjoni ma kenitx kontra t-talba u sakemm id-differiment li jingħata jkun l-aħħar wieħed, il-Qorti tal-Maġistrati laqgħet it-talba u ħalliet il-kawża għat-3 ta' Frar, 2011;

"Illi fit-3 ta' Frar, 2011, deher ir-rikorrent mgħejjun minn avukat difensur. Tressqu l-provi tal-imputat (rikorrent), magħduda magħhom ix-xhieda tal-istess imputat. Saret it-trattazzjoni u ngħatat is-sentenza. Il-Qorti tal-Maġistrati sabet lir-rikorrent ħati tal-akkużi kollha li bihom kien mixli, u bħala piena waħħlet lir-rikorrent multa ta' ħames mitt ewro (€ 500) u issospendietu milli jżomm jew jikseb liċenza tas-sewqan għal żmien sitt (6) xhur minn dak inhar. Ir-rikorrent talab is-sospensjoni tas-sentenza biex iressaq appell minnha. Il-Qorti laqgħet it-talba;

"Illi b'taħrika oħra maħruġa mill-Pulizija Eżekuttiva fi Frar tal-2010, Mario Psaila kien mixli b'għadd ta' akkużi marbuta mal-ġrajja li dwarha kien akkużat ir-rikorrent. It-taħrika kienet tgħid ukoll li l-każ kellu jibda jinstema' quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-15 ta' April, 2010. Biex jidhru għalih fil-każ, l-imsemmi Psaila ħatar lill-istess avukati li kien ħatar ir-rikorrent. Il-każ instema' u nqata' fl-istess smigħ li fihom kienet imsejħa u maqtugħa l-kawża tar-rikorrent. Psaila nstab ħati (għalkemm mhux tal-akkużi kollha) u immultat sitt mitt ewro (€ 600) u kellu l-liċenza tas-sewqan sospiża għal żmien sitt (6) xhur min dak inhar.

"Għalkemm Psaila talab is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza mogħtija kontrih, baqa' ma ressaqx appell minn dik is-sentenza;

"Illi kemm ir-rikorrent u kif ukoll Mario Psaila xehdu fl-istess smigħ tat-3 ta' Frar, 2011, qabel mal-Qorti tal-Maġistrati għaddiet għall-għoti sommarju tas-sentenza fil-każ ta' kull wieħed minnhom;

"Illi b'degriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati fil-11 ta' Frar, 2011, ma ntlaqgħetx it-talba magħmula mir-rikorrent b'rikors tiegħu tad-9 ta' Frar, 2011, biex il-Qorti twaqqa' l-iskwalifika mis-sewqan imposta bl-imsemmija sentenza appellata;

"Illi fis-16 ta' Frar, 2011, ir-rikorrent ressaq ir-Rikors tal-Appell mis-sentenza mogħtija fit-3 ta' Frar, 2011, quddiem

il-Qorti tal-Appell Kriminali. Il-każ tqiegħed għas-smigħ quddiem dik il-Qorti għat-23 ta' Jannar, 2012;

"Illi dak inhar li ssejjaħ l-appell, wara li l-Qorti tal-Appell Kriminali semgħet ix-xhieda tas-Surġent Maġġur Joseph Chalker, l-avukat difensur tar-rikorrent talab li jittella' b'xhud tad-difiża (tal-appellant) l-imsemmi Mario Psaila.

"Dak il-ħin, il-Qorti tat degriet (li tniżżel fil-verbal tas-smigħ) li bih ċaħdet it-talba tad-difensur tar-rikorrent, u ssoktat tisma' x-xhieda tax-xhud tal-Prosekuzzjoni. Billi xi xhud oħrajn tal-Prosekuzzjoni ma kenux jifilħu, il-Qorti tal-Appell ħalliet il-kawża għall-kontinwazzjoni għat-28 ta' Marzu, 2012;

"Illi fil-25 ta' Jannar, 2012, infetħet din il-kawża;"

**4.** Għandu jiżdied li fir-rikors promotorju tal-ġudizzju r-rikorrent appellant jinsisti li l-kawża tiegħu u dik ta' Mario Psaila kienu nstemgħu mill-Qorti tal-Maġistrati flimkien għaliex kemm il-fatti kif ukoll il-provi u x-xhieda kienu kollha l-istess għaż-żewġ kawżi u li di fatti l-kontro-ezami tax-xhieda tal-prosekuzzjoni u l-provi tad-difiża "instemgħu komunement u mhux separatament".

**5.** Iżid ukoll li fl-istadju tad-difiża telgħu jixhdu kemm ż-żewġ imputati, u ċioe` kemm ir-rikorrent appellant kif ukoll Mario Psaila li għalkemm xehedu darba biss l-intiża kienet li x-xhieda tagħhom tkun tapplika għaż-żewġ kawżi.

## Is-sentenza appellata

**6.** Wara li ġiebet riassunt tar-rikors promotorju tal-ġudizzju u tar-risposta tal-intimati appellati u rreġistrat id-diversi tappi tal-*iter* tal-proċeduri, l-ewwel Qorti għamlet riassunt tal-fatti kif irriżultaw mill-provi u li ġia` ġie aktar 'il fuq riprodott, ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari tal-intimati li l-azzjoni tar-rikorrent hija waħda fiergħa u vessatorja -- mil-liema deċiżjoni ma sarx appell -- u, wara li ċċitat l-Artikoli 6 tal-Konvenzjoni u 39 tal-Kostituzzjoni, għaddiet biex

tiddeċiedi l-kawża fil-mertu kif fuq ingħad[1] wara li għamlet il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

“Illi l-Qorti sejra tqis il-każ tar-rikorrent taħt dawn id-dispożizzjonijiet flimkien u dan għaliex jidher li d-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni huma miruta minn dawk tal-Konvenzjoni u jixxiebhu għalihom, u wkoll għaliex l-ilment speċifiku tar-rikorrent jaqa’ fil-qafas usa’ tal-prinċipju tas-smigħ xieraq;

“Illi, kif ingħad aktar qabel, ir-rikorrent iqis li kien id-degriet mogħti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-23 ta’ Jannar, 2012, li ħalaq il-ksur attwali tal-jedd għal smigħ xieraq u l-ksur mibsur tal-istess jedd għal dak li jista’ jsir fis-smigħ tal-appell tiegħu jekk kemm-il darba dak id-degriet jibqa’ ma jinbidilx. Il-Qorti qiegħda ġġib kelma b’kelma dak li jipprovdi d-degriet:

““*Il-Qorti tirrileva li l-kawżi ta’ Mario Psaila u George Sammut qatt ma nstemgħu kontestwalment; illi Mario Psaila qatt ma kien xhud f’dan il-każ, illi d-difiża ressqet argument li dan Psaila bejn wieħed u ieħor ammetta li ma hux minnu u hu intiż biss biex jinġieb xhud ġdid;*

*“Il-Qorti timxi ma’ dak li jgħid il-Kap 9 illi tista’ taċċetta biss xhieda li jkunu xehedu fil-Qorti tal-Maġistrati. Ir-records of the case ma jindikaw ebda persuna bil-kunjom ta’ Psaila kemm fil-paġna 2, paġna 3 u paġna 14. Għaldaqstant, il-Qorti ma tistax tisma’ lix-xhud rikjest mid-difiża għax hekk marbuta bil-Kodiċi. Tfakkar ukoll li skont il-ġurisprudenza kostanti tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ma hemm ebda dritt li ttella’ xhieda kemm trid*”;

“Illi għal dak li jirrigwarda l-jedd tal-akkużat li jressaq xhieda ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li jedd bħal dan huwa mħares bħala waħda mill-garanziji marbuta mat-tmexxija xierqa tal-proċess kriminali. Minkejja li l-persuna akkużata ma hija marbuta tipprova xejn (ħlief f’xi każijiet partikolari li hekk titlob il-liġi, iżda li ma jidħlux fil-każ tal-lum) u tista’ wkoll tagħżel li ma tagħtix ix-xhieda

[1] Ara par. 1 *supra*

tagħha, hija dejjem mogħtija d-dritt li, fil-waqt xieraq tal-proċess kontra tagħha, titħalla ttella' b'xhud tagħha lil kull min jidhrilha meħtieġ għall-ġid tal-każ tagħha. Din il-garanzija tinsab kemm kemm taħt l-artikolu 39(6)(d) tal-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt l-artikolu 6(3)(d) tal-Konvenzjoni. Ta' min jinnota li l-Konvenzjoni tgħodd dan il-jedd fost il-jeddijiet minimi li jiggarantixxu s-smigħ xieraq lill-persuna mixlija b'reat: fi kliem ieħor, dawn huma l-aktar jeddijiet bażilari li dik il-persuna jistħoqqilha tistenna fi proċediment li tkun għaddejja minnu;

"Illi l-imsemmi jedd jgħodd kemm għall-proċeduri tal-ewwel istanza u kif ukoll fi stadju tal-appell. Madankollu, mill-kliem tal-artikolu relattiv innifsu "*Neither the accused's right to cross-examine witnesses nor his right to call defence witnesses is absolute. However, such limits as are set or occur must be consistent with the principle of equality of arms, the full realisation of which is the 'essential aim' or article 6(3)(d). ... As to the calling of witnesses for the defence, it is for the national courts, as a general rule, to assess whether it is appropriate to call witnesses. Although the national court's decision is subject to review under Article 6(3)(d), the Commission has generally adopted a relaxed approach to its role of monitoring the exclusion of witnesses, seldom questioning a national court's exercise of its discretion in the assessment of the relevance of the proposed evidence. ... A decision to exclude a defence witness under Article 6(3)(d) may, however, be a breach of the general fair hearing requirement in Article 6(1)*". F'kull każ, meta qorti nazzjonali tiċħad it-talba tad-difiża biex titħalla tressaq xhud tagħha, huwa meħtieġ li dik il-qorti tagħti r-raġuni jew raġunijiet għal dik iċ-ċaħda b'motivazzjoni xierqa;"

**7.** F'dan l-istadju l-ewwel Qorti ċċitat siltiet pjuttost fit-tul minn dak li jghidu l-awturi Van Dijk, Van Hoof, Van Rijn u Leo Zwaak dwar il-paragrafu 3(d) tal-Konvenzjoni[2] u wara ssoktat kif ġej:

---

[2] Theory and Practice of the European Convention on Human Rights (4th Edition) pp 644, 648-9

"Illi l-Qorti temmen li wieħed għandu jagħraf każ fejn qorti tiċħad talba tad-difiża biex titħalla tressaq xhud fuq il-bażi li dik il-qorti tqis li x-xhieda m'hijiex rilevanti jew fejn dik ix-xhieda hija biss tentativ biex il-mixi 'l quddiem tal-kawża jitwal bla raġuni tajba, minn każ fejn iċ-ċaħda tkun għal raġuni oħra, bħalma hi raġuni proċedurali. Jidher li l-istħarriġ dwar ilment ta' ksur ta' jedd għal smigħ xieraq huwa iżjed rigoruż f'tal-ewwel milli f'tat-tieni, għaliex sakemm id-deċiżjoni taċ-ċaħda fl-ewwel każ ma tintweriex li hija waħda għal kollox irraġonevoli jew arbitrarja, deċiżjoni bħal dik taqa' fl-ambitu tal-funzjoni deliberativa ta' dik il-qorti u għalhekk qajla tissarraf fi ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq;

"Illi ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li biex wieħed iqis jekk kemm-il darba tħarisx il-prinċipju tat-trattament indaqs tal-partijiet f'kawża, wieħed irid jara jekk, fil-każ konkret, il-qorti tkunx tat l-istess opportunita' lill-partijiet biex iressqu l-każ tagħhom;

"Illi mill-atti tal-kawża joħroġ li, fl-għoti tad-degriet li minnu jilminta r-rikorrent, il-Qorti tal-Appell Kriminali immotivat sewwa ċ-ċaħda tagħha tat-talba tad-difiża. Minbarra dan, jidher li rabtet ir-raġuni ewlenija tagħha għall-imsemmija ċaħda mal-fatt li "hekk marbuta bil-Kodiċi": fi kliem ieħor, saħħet il-provvediment tagħha ma' qafas ta' dispożizzjoni ta' liġi. Ħareġ ukoll li fl-ebda waqt tas-smigħ tal-kawża ma saret talba mid-difiża biex il-każ tar-rikorrent jinstema' kontestwalment ma' dak ta' Mario Psaila, u l-Prosekuzzjoni żgur ma kellha l-ebda mottiv biex tagħmel talba bħal din. Mill-verbali tal-atti tal-proċeduri kontra r-rikorrent, ma jissemma mkien li Mario Psaila xehed bħala xhud tal-imputat Sammut. Min-naħa l-oħra, madankollu, mill-provi mressqa ħareġ li huwa minnu li ż-żewġ kawżi dejjem instemgħu mill-istess Maġistrat fl-istess seduti tat-Traffiku, li l-kawżi kienu jissejħu flimkien, u li kemm ir-rikorrent u kemm Mario Psaila xehdu fl-istess jum u sewwasew dak inhar u qabel ma ngħatat is-sentenza dwar kull wieħed minnhom. Mill-*prime note* miżmuma mid-Deputat Reġistratur waqt is-smigħ, joħroġ li fit-3 ta' Frar, 2011, tniżżel li fil-kawża tar-rikorrent (li kienet il-kawża numru tlettax (13) fuq il-lista ta' dak inhar) xehed ir-

rikorrent u sar il-kontro-eżami ta' xhud tal-Prosekuzzjoni mid-difensur tiegħu, filwaqt li fil-kawża kontra Mario Psaila (li kienet in-numru erbatax(14) fuq il-lista ta' dak inhar), xehed l-istess Mario Psaila u sar il-kontro-eżami ta' listess xhud tal-Prosekuzzjoni mill-avukat li deher għalih dak inhar. Iżjed minn hekk, mill-atti joħroġ ukoll li, fil-kopja formali tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati li minnha r-rikorrent ressaq appell, tinsab imniżżla din il-frażi: "*Konnessa mal-kawża Nru. 14 tallum*";

"Illi minn dawn il-kostatazzjonijiet ta' fatti joħroġ li, minkejja li **formalment** il-kawża tar-rikorrent u dik ta' Mario Psaila nżammu separati minn ta' xulxin, **fil-prattika** sata' ngħata 'l wieħed x'jifhem li ż-żewġ kawżi tmexxew flimkien u dak li sar f'waħda kien jgħodd għall-oħra wkoll. Kemm hu hekk, ir-rikorrent jisħaq li x-xhud tal-Prosekuzzjoni taw ix-xhieda tagħhom darba għaż-żewġ kawżi u sarilhom il-kontro-eżami wieħed mill-avukati difensuri taż-żewġ akkużati. Sata' sar hekk ukoll għall-finijiet ta' prattiċita' li l-ġudikant li mexxa s-smigħ ħass li kienet meħtieġa jew xierqa għall-każ li jkun. Hemm ukoll iċ ċirkostanza li, f'kawżi li jagħmlu parti minn listi konsistenti ta' kawżi għas-smigħ u li jinstemgħu b'ħeffa sommarja, dak li jitniżżel fil-verbali bosta drabi jirrifletti ċerta għaġġla u nuqqas ta' formalita' li ma tagħtix ħin biex wieħed jifli sewwa dak li jkun qiegħed jiġi reġistrat;

"Illi l-mistoqsija li tqum fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi (u li hija sewwasew il-qofol kollu tal-ilment tar-rikorrent) hija jekk wieħed iridx jibqa' biss ma' dak li jkun verbaliżżat jew jekk għandux iħares lejn elementi oħra tal-proċess biex iqis x'ikun ġara tassew. Dan qiegħed jingħad għaliex jekk kemm-il darba jintwera li huwa minnu li Mario Psaila xehed b'riferenza għall-każ tar-rikorrent, isegwi li ċ-ċaħda tat-tressiq tiegħu mill-ġdid quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali taf tkun raġuni li ġġib ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq. Hawnhekk, għalhekk, tidħol fis-seħħ it-tieni konsiderazzjoni fil-mertu għall-każ tallum, u jiġifieri dwar l-effetti tar-*res gestae* dokumentati tal-kawża fuq dak il-jedd;

"Illi, kif ingħad, meta l-Qorti tal-Appell Kriminali ċaħdet it-talba tar-rikorrent biex tħallih iressaq b'xhud tiegħu lil Mario Psaila, dan immotivatu, fost l-oħrajn, billi rat l-atti proċesswali u ikkostatat li mkien ma kien jidher li Psaila kien xehed fil-każ tar-rikorrent. L-atti juru li Psaila xehed (minn rajh) fil-każ tiegħu biss. Ir-rikorrent jgħid li Psaila xehed fil-każ tiegħu ukoll bħala xhud *in difesa*. Il-verbal tas-smigħ tat-3 ta' Frar, 2011, dwar il-każ kontra r-rikorrent jsemmi biss li xehed xhud tal-Prosekuzzjoni fil-kontro-eżami u r-rikorrent innifsu. Ma jindika li xehed ħadd aktar f'dak il-każ;

"Illi safejn wieħed joqgħod fuq il-verbali redatti, id-degriet tal-Qorti tal-Appell Kriminali li bih ċaħdet it-talba tar-rikorrent biex iressaq lil Mario Psaila b'xhud tiegħu m'għandu xejn xi tlum fih jew tgħid kontrih. Fuq dawk latti, id-degriet huwa wieħed tajjeb u sostnut mil-liġi. Meta żżid dan mal-prinċipju imsemmi aktar qabel li d-dritt li wieħed iressaq xhud m'huwiex dritt assolut, allura jista' jingħad li m'hemm xejn fl-imsemmi degriet li jista', mqar b'tiġbida tal-istħajjil, jwassal għas-sejbien ta' ksur ta' xi jedd tar-rikorrent għal smigħ xieraq;

"Illi jibqa', madankollu, l-kwestjoni ta' dak li ġara hu u jinstema' l-każ tar-rikorrent. Jekk dak li ġara ma kienx rifless kif jixraq fil-verbali u l-atti dokumentati tal-kawża, r-rikorrent għandu l-jedd li juri li l-affarijiet ġraw mod ieħor? F'dan il-każ, jekk jirriżulta li tassew l-affarijiet ġraw mod ieħor, x'effett ikollu n-nuqqas ta' tmexxija tal-każ tiegħu ma' dak li seħħ tassew fuq il-jedd tiegħu għal smigħ xieraq?;

"Illi fl-ewwel lok, il-Qorti tqis li meta tinqala' ċirkostanza bħal din, min jallega ħaġa bħal din li ma tkunx murija fl-atti tal-kawża jew tkun seħħet mod ieħor irid jipprova dik l-allegazzjoni fi grad tajjeb biżżejjed u mhux jikkuntenta ruħu biss li joħloq dubju. Dan jixxiebah ma' ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali fejn il-Qorti tħalli li titressaq xiehda kontra l-miktub. Fit-tieni lok, irid jirriżulta wkoll li l-ħsara li sejra ġġarrab il-parti fil-kawża jekk ma jingħatax widen għal dak li ġara tassew waqt is-smigħ tal-kawża, hija ħsara li fiha nnifisha ġġib ksur ta' jedd fundamentali tagħha;

"Illi ta' min jgħid li l-minuti ta' kawża għandhom jitqiesu li jirriflettu dak li tassew ikun ġara matul is-smigħ tagħha u jittieħdu dejjem li saru sewwa u huwa biss f'każ ta' ambigwita' f'dak li hemm reġistrat li l-Qorti tista' tisma' sottomissjonijiet dwar x'ried tassew jiġi mfisser f'verbal reġistrat. Għalhekk, parti ma tistax tonqos li tħares xi regola tal-proċedura u mbagħad, wara, tilmenta minn ksur tal-jedd tagħha għal smigħ xieraq;

"Illi ingħad ukoll li "*d-dritt għal smigħ xieraq ma jfissirx li min, a tempo vergine, ikollu okkażjoni jirrimedja għal xi allegat nuqqas iżda jonqos milli jużufruwixxi mill-okkażjoni jkollu dritt ulterjuri li jilmenta li nkisirlu xi dritt fundamentali tiegħu. Persuna ma tistax tinjora l-ordnijiet tal-Qorti jew tittraskura li ssegwi dak li jiġi verbalizzat in atti, u wara tippretendi li sar xi żball li affettwa l-każ tagħha quddiem dik il-Qorti. ... Jekk għal xi allegat żball parti f'kawża jkollha rimedju li jkun vijabbli u effettiv, iżda ma tutilizzahx, ma tistax wara tilmenta minn xi nuqqas*";

"Illi wara li ħasbet sewwa fuq iċ-ċirkostanzi u r-riżultanzi fil-kawża li għandha quddiemha bl-ilment tar-rikorrent, din il-Qorti tasal għall-fehma li r-rikorrent ma seħħlux juri b'mod tajjeb li dak li juru l-atti tal-kawża tiegħu ma jirriflettux sewwa dak li ġara tassew. Fl-ewwel lok, il-provi mressqa mir-rikorrent ma joħolqux il-konvinċiment meħtieġ fil-Qorti biex tista' toqgħod fuqhom. Meta xehed Mario Psaila, qal ħwejjeġ li huma evidentement kontra dak li ġara fil-każ u dak li kulħadd kien jaqbel dwaru; filwaqt li, f'banda oħra tax-xhieda tiegħu qal li, meta xehed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, xehed biss dwar il-każ tiegħu u ma qal xejn li huwa xehed ukoll fil-każ tar-rikorrent. L-istess jingħad dwar ix-xhieda tal-avukat difensur tiegħu li f'partijiet essenzjali tagħha (meħtieġa biex tmieri dak li ġie mniżżel fil-verbali tal-kawża fl-ewwel istanza) hija karatterizzata b'l-użu ta' kliem bħal "jidhirli" u "safejn niftakar". Fit-tieni lok, ir-rikorrent ma weriex lill-Qorti kif iċ-ċaħda li jitħalla jressaq b'xhud tiegħu lil Mario Psaila sejra irrimedjabbilment iżżommu milli jista' jressaq il-każ tiegħu bl-aħjar mod fl-istanza tal-appell jew li tali nuqqas sejjer iġib ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq, mhux biss taħt

id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 6(3)(d) tal-Konvenzjoni, iżda lanqas taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 6(1) tal-istess. Fit-tielet lok, iċ-ċaħda li r-rikorrent jitħalla jressaq lil Psaila b'xhud tiegħu, fil-qafas kollu tal-proċeduri meħuda kontra tiegħu, ma tammontax għal ksur tal-prinċipju tal-"*equality of arms*", għaliex tinbena fuq għażla proċedurali meħuda mir-rikorrent innifsu (jew mid-difensur tiegħu) matul il-kawża nnifisha, l-effetti ta' liema għażla kienu magħrufa lilu fil-waqt li ttieħdet;"

**Rikors tar-rikorrent appellant**

**8.** Ir-rikorrent ħassu aggravat bl-imsemmija sentenza u b'rikors tas-16 ta' Ottubru 2012 interpona appell minnha quddiem din il-Qorti.

Fil-qosor, l-aggravji tiegħu huma s-segwenti: -

1. L-ewwel Qorti kienet manifestament żbaljata meta irriteniet illi huwa ma seħħlux juri b'mod tajjeb li dak li juru l-atti tal-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ma jirriflettux sewwa dak li ġara tassew;

2. l-ewwel Qorti naqset milli tqis adegwatament il-fatt – mhux kontestat – illi qabel ma l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għaddiet għall-prolazzjoni tas-sentenza tagħha kontra tiegħu hija semgħet ix-xhieda ta' Mario Psaila;

3. anke jekk ma jittieħdux in konsiderazzjoni l-fatti partikolari ta' dan il-każ, il-fatt waħdu li huwa qiegħed jiġi mċaħħad milli jipproduċi xhud li wara kollox kien preżenti għall-inċident inkwistjoni jwassal għal-leżjoni tad-dritt ta' smiegħ xieraq lamentat minnu.

**Risposta tal-appell tal-intimat Avukat Ġenerali**

**9.** B'risposta tat-30 ta' Ottubru 2012 l-intimat irrisponda li s-sentenza appellata hija ġusta u li timmerita li tiġi konfermata u jsostni s-segwenti:-

1. Dwar l-ewwel aggravju huwa jgħid li l-ewwel Qorti kienet korretta meta kkonkludiet li l-appellant ma rnexxilux jegħleb il-preżunzjoni li l-atti proċesswali fl-assjem tagħhom jirriflettu dak li seħħ fil-kawża u dak l-intendiment li dejjem kien hemm waqt is-smiegħ.

2. Dwar it-tieni u t-tielet aggravju jgħid illi l-appellant ma weriex lill-Qorti kif iċ-ċaħda li jitħalla jressaq bħala xhud lil Mario Psaila sejra irrimedjabilment iżżommu milli jista' jressaq il-każ tiegħu bl-aħjar mod fl-istanza tal-appell jew li tali nuqqas sejjer iġib ksur tal-jedd tiegħu għal smiegħ xieraq. Inoltre kien l-istess appellant li għamel l-għażla proċedurali li ma jipproduċix lil Psaila quddiem il-Qorti Inferjuri.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

**10.** It-tliet aggravji tal-appellant huma essenzjalment interdipendenti u jiġġiraw madwar il-fatt tal-produċibilita` o meno tax-xhud Mario Psaila u għalhekk din il-Qorti se titratta l-istess aggravji flimkien.

***Prinċipji***

**11.** Għalkemm l-appellant fir-rikors promotorju ma ppreċiżax liema dispożizzjoni tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni qiegħed jallega ġew miksura b'danakollu l-fatti li fuqhom qiegħed jistrieħ jaqgħu biex jiġu eżaminati taħt dak li hemm previst fl-Artikolu 6(1) u 6(3)(d) tal-Konvenzjoni u fl-Artikolu 39(1) u 39(6)(d) tal-Kostituzzjoni.
**12.** L-ammissibilita` tal-provi hija materja primarjament rimessa għar-regolamentazzjoni tal-liġi ordinarja tal-pajjiż u bħala regola ġenerali l-evalwazzjoni tal-evidenza tispetta lill-qrati kompetenti ta' ġurisdizzjoni ordinarja għalkemm ma hux eskluż li eċċezzjonalment jista' jkun hemm ċirkostanzi li jinduċu lil din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li n-nuqqas li jinstema' xhud ma jkunx konsistenti mal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jew mal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni[3]. Taħt l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni u

[3] Ara ECHR **Pello v. Estonia**, 12/4/2007 #26-#27; **Perna v. Italy**, GC, 6/5/2003 #29

l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni l-kompitu tal-Qorti hu li teżamina jekk il-proċeduri meħudin fil-kompless tagħhom, inkluż il-mod kif ikunu nġabru l-provi, kienux xierqa fis-sens tal-istess artikolu, għalkemm jista' wkoll ikun il-każ li aspett jew nuqqas partikolari jkun tant determinanti għall-eżitu tal-kawża li jkun biżżejjed sabiex minħabba fih waħdu l-Qorti ssib nuqqas ta' smigħ xieraq. Inoltre, l-Istat għandu latitudini akbar fil-mod kif jittratta kawżi ċivili milli għandu meta jkun qiegħed jittratta minn kawżi kriminali. B'danakollu, il-prinċipju tal-*equality of arms* li jiddetta li jinżamm bilanċ xieraq bejn il-partijiet fil-kawża japplika kemm fil-kawżi ċivili kif ukoll f'dawk kriminali. Dan il-prinċipju jimplika li kull parti għandu jkollha l-opportunita` raġjonevoli li tippreżenta l-każ u l-provi tagħha taħt kundizzjonijiet li ma jqegħduhiex fi żvantaġġ fil-konfront tal-parti l-oħra[4]. Inoltre l-partijiet ma għandhomx dritt assolut li jipproduċu xhieda fil-Qorti u s-smigħ ta' xhud irid ikun neċessarju biex jgħin li tinkixef il-verita`; barra minn hekk il-parti anqas ma għandha dritt illimitat li tagħmel id-domandi li trid lil xhud li jiġi prodott[5]. Għalhekk ma hux biżżejjed li l-parti turi li ma tħallietx tagħmel domandi lil xi xhud iżda trid turi wkoll li s-smigħ tax-xhud kien neċessarju għall-aċċertament tal-verita` u li n-nuqqas li jitħalla jagħmel domandi lix-xhud kien ta' preġudizzju għalih fil-proċeduri relevanti[6].

**13.** L-Artikolu 6(3)(d) tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39(6)(d) tal-Kostituzzjoni jinkorporaw aspett speċifiku tad-dritt għal smigħ xieraq garantit bl-Artikoli 6(1) tal-Konvenzjoni u 39(1) tal-Kostituzzjoni li jrid jitqies fi kwalunkwe apprezzament ta' kemm kienu xierqa l-proċedimenti u għalhekk l-ilment tar-rikorrent appellant jiġi eżaminat mill-perspettiva ta' dawn l-artikoli meħudin flimkien.

---

[4] Ara Dec **Adm Camillo Crociani u oħrajn v. Italy**, 18/12/1980; Dec **Adm X v. Norway**, 4/7/1978; Ara ECHR **Helmers v. Sweden**, 29/10/1991 #31; **Vidal v. Belgium**, 22/4/1992; **Dombo Beheer B.V. v. The Netherlands**, 27/10/1993 #31-33; Ara wkoll Q. Kost. **Peter Paul Muscat v. Mario Muscat pro. et noe.et**, 24/6/2011; Q. Kost. **Carmelo *sive* Charles Saliba v. Avukat Ġenerali et.**, 15/10/2012, #40.

[5] Ara Kumm ECHR Dec **Adm X v. Switzerland**, 11/3/1982, #10; Q. Kost. **Carmelo *sive* Charles Saliba v. Avukat Ġenerali et.**, *loc. cit.*

[6]Kumm ECHR Dec **Adm X v. Switzerland**, 11/3/1982, #11; Q. Kost. **Carmelo *sive* Charles Saliba v. Avukat Ġenerali et.**, *loc. cit.*

**14.** Barra minn hekk, l-ammissibilita` ta' xhieda hija regolata bil-liġi ordinarjament applikabbli u primarjament spetta għall-qorti ta' kompetenza ordinarja li tevalwa jekk il-kundizzjonijiet previsti mil-liġi għall-produċibilta` ta' xhud ikunux sodisfatti fil-każ speċifiku peress li l-Artikoli 6(1) u 39(1) imsemmija, kif ingħad[7], ma jagħtu ebda dritt assolut lill-parti biex tipproduċi kull xhud li trid.

***Applikazzjoni tal-prinċipji***

**15.** L-appellant jilmenta mill-fatt illi skont l-ewwel Qorti huwa ma rnexxilux jikkonvinċiha li dak imniżżel fl-atti tal-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (il-Qorti Inferjuri) ma kienx jirrifletti fedelment dak li ġara tassew. U dan għaliex filwaqt li fil-verbal tal-kawża tiegħu ma jissemmiex li xehed Mario Psaila, skont l-appellant dak li fil-fatt ġara kien li l-kawża tiegħu u dik ta' Mario Psaila kienu qed jinstemgħu flimkien u li x-xhieda li nġabu f'kawża kienu jgħoddu għall-kawża l-oħra u sussegwentement, il-Qorti, wara li semgħet liż-żewġ imputati, għaddiet għas-sentenza tagħha fil-konfront ta' kull imputat. Kwindi dak li qiegħed essenzjalment isostni l-appellant hu illi Mario Psaila xehed fil-kawża tiegħu u kwindi l-ġudikant f'dik il-kawża fforma s-sentenza tiegħu wara li kien sema' wkoll lill-istess Psaila. L-appellant isostni tant dan huwa l-mod kif tmexxew dawn iż-żewġ kawżi illi fil-kopja formali tas-sentenza mogħtija kontra tiegħu hemm imniżżel il-kliem – *Konnessa mal-kawza Nru. 14 tal-lum*[8] – liema kawża kienet proprju dik kontra Mario Psaila[9]. U għalhekk kien għal dan il-fatt li l-appellant ried isejjaħ bħala xhud fl-appell tiegħu lill-istess Psaila, liema talba giet effettivament miċħuda mill-Qorti tal-Appell għar-raġunijiet mogħtija mill-istess Qorti u li jinsabu riportati a fol. 41 tal-proċess. B'din iċ-ċaħda, l-appellant qiegħed isostni li nkiser u ser ikompli jiġi leż id-dritt fundamentali tiegħu kif sanċit fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta (il-Kostituzzjoni) u l-Artikolu 6 tal-

---

[7] Ara # 12 *supra*
[8] a fol. 25
[9] Esebita a fol. 58

Konvenzjoni għall-Ħarsien tad-Drittijiet Umani u l-Libertajiet Fundamentali (il-Konvenzjoni).

**16.** Essenzjalment dak li qiegħed jilmenta minnu l-appellant jaqa' fil-parametri tas-subartikolu (6)(d) ta' Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tas-sub-artikolu (3)(d) tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni li jaghtu d-dritt lill-persuna akkużata b'reat kriminali "*li jeżamina jew li jara li jiġu eżaminati xhieda kontra tiegħu u li jottjeni l-attendenza u l-eżami ta' xhieda favur tiegħu taħt l-istess kundizzjonijiet bħax-xhieda kontra tiegħu.*"

**17.** Il-Qorti tal-Appell Kriminali ċaħdet it-talba tal-appellant Sammut għall-produzzjoni tax-xhud Mario Psaila għaliex irriteniet li l-produzzjoni tiegħu fl-istadju tal-appell ma kienx permess mill-Kodiċi Kriminali la darba Mario Psaila ma kienx xehed fil-prim' istanza tal-proċeduri kriminali kontra l-istess Sammut.

**18.** F'ċirkostanzi fejn l-esklużjoni ta' xhud hija dettata mil-liġi għal raġunijiet provduti fl-istess liġi l-evalwazzjoni ta' jekk jeżistux jew le dawk ir-raġunijiet li trid il-liġi għall-esklużjoni tax-xhud spetta primarjament lill-Qorti ta' kompetenza ordinarja soġġetta għas-superviżjoni ta' din il-Qorti sabiex tassigura li l-mod kif tkun saret dik l-evalwazzjoni ma jkunx ssarraf fi vjolazzjoni ta' xi dritt fundamentali tal-individwu, fil-każ tal-lum fi vjolazzjoni tad-dritt għal smigħ xieraq.

**19.** Dak li jirriżulta mill-provi hu li fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2012 quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali ġie reġistrat il-verbal li ġej:

"Dr. Cuschieri għall-appellant jitlob illi bħala xhud in difesa jitla' ukoll is-sur Mario Psaila ID no. 247882M u li kien imputat ukoll quddiem l-Ewwel Qorti b'akkużi identiċi, li l-każ tiegħu instema flimkien ma' tal-appellant George Sammut u dan peress li fl-istadju tal-provi tad-difiża xehdu kemm l-appellant odjern kif ukoll dan Mario Psaila".

B'risposta għall-verbal imsemmi tad-difiża l-prosekuzzjoni vverbaliżżat kif ġej:

“Il-Prosekuzzjoni tirrileva li l-kawżi ta’ Mario Psaila u George Sammut qatt ma nstemgħu kontestwalment; illi Mario Psaila qatt ma kien xhud f’dan il-każ, illi d-difiża ressqet argument li dan Psaila bejn wieħed u ieħor ammetta li ma hux minnu u hu intiż biss biex jinġieb xhud ġdid”.

**20.** Ma saret ebda allegazzjoni f’dawn il-proċeduri kostituzzjonali li l-verbal imsemmi ma hux preċiż jew ma jirriflettix dak kollu li talab l-appellant f’dik is-seduta. Għalhekk irid jitqies bħala pruvat li l-appellant f’dik is-seduta ma talab li jagħmel ebda prova oħra ta’ dak li kien qiegħed isostni. Dan ifisser li l-Qorti tal-Appell Kriminali ma ġiet provduta mid-difiża b’xejn aktar mill-atti tal-Qorti tal-Maġistrati fuq hix setgħet tirregola ruħha dwar it-talba tad-difiża għall-produzzjoni tax-xhud Mario Psaila minkejja li l-prosekuzzjoni kkontestat il-verdiċita` ta’ dak allegat mid-difiża. Apparti li kien ukoll dover ta’ diliġenza li jinkombi fuq id-difiża li tassigura li l-atti tal-Qorti inferjuri u l-verbali hemm reġistrati kienu jirriflettu fedelment u korrettement l-andament tal-proċeduri quddiem dik il-Qorti.

**21.** F’dawn il-proċeduri kostituzzjonali l-appellant ipproduċa bħala prova oltre lilu nnifsu u lil Mario Psaila, lill-avukat difensur tiegħu fil-proċeduri kriminali. L-intimat Avukat Ġenerali pproduċa lis-Surġent Maġġur Joseph Chalker u lis-Surġent Maġġur John Micallef Engerer li kienu l-uffiċjali prosekuturi fiż-żewġ kawżi kriminali kontra l-appellant u kontra Mario Psaila. Quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali ma saret ebda talba mid-difiża għall-produzzjoni ta’ Mario Psaila limitatament dwar l-aspett proċedurali tal-kawżi bħal ma ġara f’dawn il-proċeduri u anqas ma saret xi talba lil dik il-Qorti għall-produzzjoni tal-uffiċjali tal-pulizija msemmija għall-istess għan.

**22.** Għalhekk, kull ma kellha quddiemha l-Qorti tal-Appell Kriminali meta ġiet biex tiddeċiedi dwar it-talba tal-appellant għall-produzzjoni tax-xhud Mario Psaila kienu l-atti tal-Qorti tal-Maġistrati li minnhom ma kienx jirriżulta li Mario Psaila kien xehed in difeża fil-proċeduri kontra l-

appellant u anqas kien jirriżulta xi verbal jew xi notament ieħor li juri li x-xhieda li nstemgħu fil-każ ta’ Mario Psaila kellhom jgħoddu wkoll għall-każ kriminali kontra l-appellant.

**23.** Anqas jista’ jingħad li x-xhieda tar-rikorrent appellant, ta’ Mario Psaila u tal-avukat difensur tal-appellant fil-proċeduri kostituzzjonali quddiem l-ewwel Qorti kienet univoka u kategorika kif ġia` ġie rilevat fis-sentenza appellata. Ibda biex ix-xhieda tagħhom hija kontrastata għal kollox minn dik tas-Surġenti Maġġur Joseph Chalker u John Micallef Engerer li kategorikament u konsistentement sostnew li l-kawża kriminali kontra l-appellant Sammut u dik kontra Psaila nżammu distinti minn xulxin u li di fatti din kienet ir-raġuni għaliex inħarġu żewġ ċitazzjonijiet għalkemm iż-żewġ kawżi kienu jirreferu għall-istess ċirkostanzi. L-uffiċjali msemmija xehedu wkoll li qatt ma saret ebda talba mid-difiża ta’ Sammut sabiex ix-xhieda li tingħata fil-kawża kontra Psaila tkun tiswa wkoll għall-kawża kontra tiegħu. Daltronde l-avukat difensur stess ta’ George Sammut ikkonferma li ma saret ebda talba tali lill-Qorti tal-Maġistrati.

**24.** L-appellant ipproduċa wkoll f’dawn il-proċeduri kopja tal-atti separati taż-żewġ kawżi kriminali kontra l-appellant u kontra Mario Psaila kif ukoll kopja tal-*prime note* oriġinali tal-istess żewġ kawżi tas-seduta tat-3 ta’ Frar 2011 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Mill-*prime note* msemmija jirriżulta li fis-seduta msemmija fil-kawża kontra Mario Psaila, li kien assistit minn avukat difensur divers, hemm innotat “*as 13*”. Dan l-aktar li jista’ jimplika hu li dak li ġara fil-kawża tlettax (13) dakinhar kien japplika wkoll għall-każ ta’ Mario Psaila u dak li ġara fil-kawża tlettax (13) dakinhar kien li xehed is-SM 513 in kontro eżami u li xehed ukoll minn jeddu l-imputat rikorrent appellant odjern George Sammut. U għalhekk anqas dak in-notament ma hu prova suffiċjenti li x-xhieda ta’ Mario Psaila kienet tgħodd għall-kawża kontra l-appellant George Sammut għalkemm jista’ jiġi inferit li x-xhieda ta’ George Sammut kellha tgħodd għall-każ ta’ Mario Psaila. Anzi, l-indikazzjoni hi fid-direzzjoni opposta, u ċioe` li ladarba notament “*as 12*” ma sarx fil-kawza tlettax (13) dan kien

ifisser li x-xhieda ta' Mario Psaila li ingħatat fil-każ numru tnax (12) ma kellhiex tgħodd għall-każ ta' Sammut.

**25.** Iżda fuq kollox d-difiża qatt ma talbet quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-appell ta' George Sammut il-produzzjoni tal-*prime note* oriġinali tal-kawża kontra Mario Psaila u għalhekk dik il-Qorti qatt ma tpoġġiet mid-difiża fil-pożizzjoni li tkun tista' tagħmel l-apprezzament tagħha ta' dak li seta' jiġi inferit min-notament li sar fil-*prime note* tal-kawża kontra Mario Psaila.

**26.** Il-motivazzjoni li tat l-ewwel Qorti meta straħet fuq dak li kien jirriżulta mill-atti dwar dak li ġara quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fil-kawża kriminali kontra George Sammut, għalhekk, b'ebda mod ma tista' titqies bħala arbitrarja u l-konklużjoni li waslet għaliha a bażi ta' dawk l-atti li Mario Psaila ma kienx xehed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fil-kawża kontra l-appellant Sammut ma tistax titqies irraġjonevoli. It-talba li d-difiża għamlet quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali biex jinstema' Mario Psaila kienet imsejjsa fuq l-allegazzjoni li ż-żewġ kawżi kontra Psaila u l-appellant instemgħu flimkien u li għalhekk Psaila kien ukoll xhud in difeża ta' Sammut. Il-Qorti tal-Appell Kriminali kkonkludiet li din l-allegazzjoni ma kinitx tirriżulta u din il-konklużjoni kienet waħda raġjonevoli tenut kont ta' kif kienet impostata t-talba tad-difiża, ir-riżultanzi tal-evidenza quddiemha, u dak li jipprovdi l-Artikolu 424 tal-Kodiċi Kriminali li ma jippermettix il-produzzjoni ta' xhieda ġodda fl-appell jekk mhux fiċ-ċirkostanzi previsti fil-paragrafi (a) u (b) tal-istess artikolu liema ċirkostanzi ma ġewx anqas biss allegati mid-difiża, anki għaliex id-difiża kienet qed issostni li Mario Psaila ma kienx xhud ġdid.

**27.** Jista' jiżdied li r-regola prevista fl-Artikolu 424 tal-Kodiċi Kriminali, li ma tippermettix il-produzzjoni f'sede ta' appell xhieda ġodda li ma jkunux ġew prodotti fl-ewwel istanza bis-salvagwardji previsti fil-paragrafi (a) u (b) tiegħu, hija waħda raġjonevoli u għaqlija tenut kont tal-funzjoni tal-Qorti tal-Appell bħala Qorti ta' reviżjoni ta' dak li jkun seħħ fl-ewwel grad. Din ir-regola hi ugwalment applikabbli kemm għall-prosekuzzjoni kif ukoll għad-difiża.

**28.** Il-fatt li l-Qorti tal-Maġistrati tat is-sentenza tagħha fil-konfront tar-rikorrent appellant wara li kienet semgħet lil Mario Psaila fil-każ tiegħu ma jinċidix fuq kienx xieraq jew le l-proċess fil-konfront tal-appellant. Kollox juri, inklużi s-sentenzi li ngħataw fiż-żewġ każijiet, li l-Qorti tal-Maġistrati żammet distinti, kif kienet obbligata bil-liġi li tagħmel, il-provi li nstemgħu fiż-żewġ każijiet, kif kien xieraq li jsir.

**29.** Għaldaqstant din il-Qorti ma ssibx li kien hemm jew li x'aktarx ser ikun hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jew tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------